KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 410 (8-38)

It-Tnejn 12 ta' Lulju 2021 fis-6.00 ta' filgħaxija

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi. Is-Seduta bdiet fis-6.30pm minħabba li ma kienx hemm kworum.

PREŻENTI:

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit (daħlet fis-7.10pm)
Il-Kunsillier Kurstein Nicholas Sant
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Francine Farrugia
Il-Kunsillier Adrian Farrugia

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**410.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Kulħadd kien preżenti.

**410.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduta 409. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni.
Il-Kunsillier Adrian Farrugia ssekonda.
Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**410.2.1** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

**410.2.1.1** 409.3.5 Il-Kunsillier Julian Borg staqsa jekk għandniex dettalji tax-xogħlijiet li ser isiru. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dak inhar tal-konferenza stampa, il-Ministru qal li z-zuntier ser isir mill-ġdid b'ġebla tal-qawwi. Is-Sindku qal li għandha ssir laqgħa biex inkunu nafu eżatt x'sa jsir qabel jibda x-xogħol u anka naraw il-pjanti tal-proġett.

**410.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**410.3.1** Is-Sindku fakkar li għada ser issir is-Serata tal-Onorefiċenza fil-Limestone Heritage fis-7.30 ta' filgħaxija. Huwa qal li minħabba r-restrizzjonijiet preżenti tal-Awtorita' tas-Saħħa, in-numru ta' mistednin kien limitat u kull min ser jattendi kellu jikkonferma biex jiġi riżervat il-post, kif ukoll irid jiġi verifikat iċ-ċertifikat tal-Vaċċin mad-dħul. Is-Sindku rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff tal-koordinazzjoni għal din l-attivita'.

**410.3.2** Is-Sindku rrefera għal-proposta ta' ġemellaġġ mal-Belt ta' Beit Jala f'Ġerusalemm li ġiet preżentata f'Seduta 409 (10). Huwa qal li fil-jiem li ġejjin ser issir laqgħa virtwali fejn jingħataw dettalji u x'qed ikun mistenni minn din il-proposta. Il-Kunsill jinżamm aġġornat dwar dan.

**410.3.3** Is-Sindku rrefera għat-talba tal-Każin Banda San Nikola għat-twaħħil ta' arbli (409.3.1). Huwa qal li għandha ssir laqgħa mal-Għaqda biex jingħataw iktar dettalji u pjanta eżatt ta' fejn qed issir il-proposta. Il-Kunsillier Julian Borg staqsa jekk għandux ikun involut l-Arċipriet bħal meta kien hemm proposta simili mill-Għaqda Brass Band. Il-Kunsillier Kurtsein Sant qal li dak kien każ partikolari fejn diġa kien hemm armar eżistenti tal-Grupp tal-Armar. Huwa kompla li din hija inizjattiva purament ċivika. Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li l-għaqda Brass band għandha tkun infurmata f'każ li wkoll għandhom inizjattiva simili u biex jiġi evitat diżgwid futur. Is-Sindku qal li l-proposta kienet inizjattiva ta' għaqda partikolati u kull proposta tiġi kkunsidrata individwalment.

**410.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**410.5** **Finanzjament tal-proġett 'Family Park fi Triq Salvu Borg Olivier**

Is-Sindku qal li l-pjanti tal-proġett issa huma finalizzati. Huwa qal li saru diversi emendi fosthom li żdiedu postijiet tal-parkeġġ wara li tqajmet issue mir-residenti tal-viċin. Huwa qal ukoll li qed issir insistenza mad-Dipartiment tal-Artijiet biex tiġi proċessata wkoll l-applikazzjoni ħalli mbgħad il-pass li jmiss ikun l-applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar. Is-Sindku qal li ġie kkuntattjat mill-INDIS Malta li qed

jidentifikaw proġetti għal riġenerazzjoni ta' spazi pubbliċi ma' tmien Kunsilli Lokali. Huwa qal li l-iskop li jsir investiment għal-lat ekonomiku tal-pajjiż li minnhom jibbenefikaw ir-residenti. Is-Sindku qal li meta ġiet preżentata l-proposta tal-family park intlaqgħet b'mod pożittiv u qed jistenna konferma finali sabiex eventwalment jiġi ffirmat MOU.

Il-Kunsilliera Francine Farrugia staqsiet x'ser jiġri mill-applikazzjoni tal-iskema sottomessa diġa fuq parti minn dan il-park, minħabba finanzjament doppju. Is-Sindku qal li għalissa nistennew l-eżitu tal-finanzjament u nkunu nistgħu nimxu minn hemmhekk.

**410.6 Żviluppi – Propett 'Reading Garden' fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi**

Is-Sindku qal li wara li ġie mħabbar fuq midja soċjali li l-iskema ta' fondi tal-Lesa għal finanzjament tal-proġett 'reading garden' ġiet aċċettata, tqajjem tħassib mir-residenti Cutajar dwar problemi li kienu tressqu rigward il-biċċa art quddiemhom u li diġa ġie spjegat f'Seduti preċedenti. Is-Sindku rrefera għal kawża li infetħet mill-istess residenti kontra l-Kunsill fuq din il-biċċa art, fejn is-Sindku xehed dwar il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kunsill, cieo l-proposta biex il-Kunsill jibdel din il-biċċa art minn mitluqa għal reading garden biex titgawda mir-residenti. Is-Sindku qal li r-residenti talbu laqgħa mal-Kunsill tramite l-avukat tagħhom, fejn għal din il-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv, l-Avukat u l-perit tal-Kunsill għan-nom tal-Kunsill u r-resident mal-Avukat tiegħu. Huma talbu biex jaraw il-pjanti finali biex jiġi konfermat jekk it-'turning circle' mitlub u l-problema tal-għargħar ġietx kunsidrata. Il-perit spjega li l-pjanti għal fini tal-applikazzjoni tal-LESA u Lands m'humhiex emendati b'dawn il-proposti. Is-Sindku spjegalhom li l-permess mil-Lands għadu qed jiġi proċessat u allura ma jista jsir l-ebda xogħol sakemm ma jkun hemm il-permessi kollha maħruġa. L-avukat tas-Sinjuri Cutajar qal li hemm element ta' emerġenza biex tissolva l-problema tal-għargħar preferibilment qabel ix-xitwa u anka li jsir 'turning circle' għal vetturi ta'servizzi li jidħlu sar-residenza biex ikunu jistgħu idawru minflok ma joħorġu b'lura għal ġo triq prinċipali.

Il-Kunsillier Julian Borg qal li għalkemm ir-residenza tinstab f'wied u għalhekk il-problema tal-għargħar hija prevedibbli, din it-trejqa tintuża bħala aċċess għall-bdiewa ukoll. Huwa qal li hemm biżżejjed spazju biex tinstab l-aħjar soluzzjoni kemm għar-residenti u anka biex tikkumplimenta l-proġett propost mill-Kunsill.

Is-Sindku qal li l-Perit ser jagħmel l-emendi meħtieġa u jiġu preżentati lill-Kunsill fis-Seduta li jmiss. Huwa qal li x-xogħolijiet huma dejjem suġġett għal permessi mill-awtoritajiet kompetenti.

**410.7 Aġġornament fuq il-Proġett tan-'Night Shelter'**

Is-Sindku qal li qed issir pressjoni mad-Dipartiment tal-Artijiet biex eventwalment ikollna konferma minħabba l-pożizzjoni tal-art biex b'hekk ikun jista jitkompla il-proġett kif pjanat. Huwa qal li intilef żmien biżżejjed u iktar dewmien jista jikkawża telf ta' fondi li hemm kommessi fuq il-proġett.

**410.8 Ftehim dwar ftuħ ta' 'Remote working spaces' ma' Servizz.gov fil-binja taċ-Ċentru Ċiviku**

Is-Sindku qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv saret laqgħa mas-CEO u uffiċjali oħra tas-servizz.gov sabiex fi żmien qasir jibda jingħata servizz mil-lokalita'. Huwa qal li 'l quddiem jibda jingħata servizz ukoll ta' remote work spaces. Is-Sindku qal li hemm bżonn isir xi tibdil infrastrutturali biex is-sistema tibda topera. Is-Sindku qal li fis-Seduta li jmiss ikun jista jipreżenta draft tal-MOU biex jiġu ffirmat bejn il-Kunsill u d-dipartiment.

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit daħlet għal-laqgħa fis-7.10pm.

**410.9** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

Il-Kunsillier Julian Borg qal li għandu konflitt ta' interess fl-applikazzjoni PA4162/21 u għalhekk ma jistax jikkummenta dwarha.

Is-Sindku qara r-risposta tal-Perit rigward applikazzjonijiet PA3274/21 u PA3980/21 li l-Kunsill kien talab informazzjoni dwarhom, liema applikazzjonijiet m'hemmx lok ta' oġġezzjoni mill-Kunsill.

Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi applikazzjonijiet li għandhom jiġu diskussi. Ma kien hemm l-ebda applikazzjoni li għandha tiġi diskussa.

**410.10** **Rapport tal-Korrispondenza**

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat ir-rapport tal-korrispondenza li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**410.11** **Rapport tal-ilmenti**

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**410.12** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.

Il-Kunsillier Kurstein Sant staqsa dwar l-item 'watchman services'. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li dan is-servizz kien bżonjuż waqt ix-xogħolijiet tat-trakka fi Triq Mons. F. X. Mangion sakemm tlesta x-xogħol.

Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova il-lista tal-pagamenti. Il-Kunsillier Julian Borg issekonda u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**410.13** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**410.13.1** Il-Kunsillier Julian Borg staqsa jekk kienx hemm żviluppi dwar traffic management, fosthom fi Triq Blat il-Qamar, Triq il-Knisja l-Qadima u Triq San Ġakbu. Is-Sindku qal li qed jiġu identifikati diversi problemi relatati ma' traffiku u jiġu diskussi l-proposti. Dawn ser jiġu preżentati quddiem il-Kunsill biex eventwalment isir il-proċess ma' TM.

**410.13.2** Il-Kunsillier Francine Farrugia rreferiet għal item 409.16.4 dwar il-problema ta' manutenzjoni u ħmieġ fil-Binja ta' Ramija. Hija qalet li hemm problema kbira ta' rimi ta' skart illegali anka mir-residenti stess u talbet li jkun hemm iktar superviżjoni mill-gwardjani. Semmiet ukoll problema simili ħdejn ir-roundabout ta' ħdejn il-kappella tal-Providenza.

**410.13.3** Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li residenti ġibdu l-attenzjoni rigward qtugħ ta' dawl frekwenti fil-lokalita' b'mod partikolari l-area ta' Kirċippu, li qed jikkawża ħsarat fl-appliances. Is-Sindku qal li konxju ta' dan u kien hemm diversi notifiċi ta' tiswijiet mill-Enemalta li anka jitilgħu fuq il-paġna facebook tal-Kunsill.

**410.13.4** Il-Kunsillier Francine Farrugia qalet li ġiet affaċċata mis-Sindku ftit ħin qabel is-Seduta tal-lum, fejn ħasset li ġiet mhedda, bl-iskuża li użat partiġġjaniżmu f'aġir tagħha. Hija qalet li dejjem ħadmet b'entużjażmu u serjeta' f'kull qasam li kienet assenjata, u li bħalissa bħala kunsilliera inkarigata mill-edukazzjoni qegħda taħdem b'kollaborazzjoni sħiħa mal-amministrazzjoni tal-Kunsill biex terġa tagħti spinta l-korsijiet, u dan wara żmien li kellhom jieqfu minħabba l-pandemija. Hija qalet li qed tagħmel dan bħala l-persuna inkarigata u dejjem imxiet mal-proċeduri neċessarji u ma qabżet lil ħadd. Hija qalet li minkejja li s-Sindku akkużaha li mhux qed tinfurmah bil-ħidma, sabet li dak il-ħin stess is-Sindku kien miftiehem mas-Sur Abela f'isem it-TCTC għall-iffirmar ta' ftehim tat-taħriġ tal-kompjuter u hi lanqas kienet infurmata.
Is-Sindku qal li għandu dritt ikun infurmat b'li jkun qed iseħħ bħala Sindku u talab li jkun aġġornat qabel u mhux wara li tkun saret il-promozzjoni pubblika, anka sabiex ikollu l-informazzjoni kollha meta mistoqsi minn nies. Huwa qal li kulħadd huwa obbligat jagħmel l-almu tiegħu fid-dikasteru assenjat iżda wkoll li hu bħala Sindku jkun infurmat fil-proċess.

**410.13.5** Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li rċeviet diversi ilmenti dwar klieb li qed ikunu jiġru fit-triq Ta' Manduca. Hija qalet li anka attakkaw xi nies. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li importanti li l-pubbliku jagħmel rapport l-għassa minnufih biex tkun tista tittieħed azzjoni mill-Pulizija.

**410.13.6** Il-Kunsillier Adrian Farrugia qal li hemm xi gzuz ta' boroz ħdejn il-Kappella ta' San Blas fi Triq it-Tiġrija u spiss ikun hemm munzell boroż oħra ħdejn il-bus stop fi Triq Blat il-Qamar qabel iċ-ċimterju Ta' Brija.

**410.13.7** Huwa qal li hemm bżonn ta' bus shelter qrib id-Dar tal-Providenza kemm għal viżitaturi u anka l-ħaddiema. Is-Sindku qal li dawn ser isiru mal-eżekuzzjoni tax-xogħol minn IM.

**410.13.8** Il-Kunsillier Kurstein Sant qal li l-Ħdud filgħodu qed ikun hemm it-tlielaq taż-żwiemel fi Triq il-Mitjar ta' San Niklaw u anka tingħalaq it-triq għat-traffiku.

**410.13.9** Il-Kunsillier Kurstein Sant qal li hemm bżonn iktar tisqija frekwenti speċjalment fis-sajf. Huwa semma l-pjanti ta' fuq il-lattrina fil-Pjazza, l-bandli fost oħrajn.

**410.14** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fis-7.40 ta' filgħaxija.

Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 9 t'Awissu 2021 fis-6.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel.

Konfermati, illum 9 t'Awissu 2021

Dominic Grech
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv